MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 446/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**FRANCIS TABONE bin Grezzju u Angolina nee' Vella, imwieled fl-ghoxrin ta' Lulju, 1956 u residenti 'Villa Randa', Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 41456G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **FRANCIS TABONE** bin Grezzju u Angolina nee' Vella, imwieled fl-ghoxrin ta' Lulju, 1956 u residenti 'Villa Randa', Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 41456G gie

mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-ghoxrin [20] ta’ Lulju, 2006 ghal habta tal-hdax w ghoxrin ta’ filghodu fl-inhawi maghrufa bhala tat-Tafla limiti tar-Rabat, Ghawdex, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bi hsejjes ta’ makkinarju li haddem jew ippermetta li jithaddem fil-ghelieqi tieghu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1346 Anton Schembri, lil Dottor Stephen Vassallo, lil Dottor Patricia Sciberras, lil Eucharist Refalo, lil Dottor Kevin Mompalao u kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed u tletin ta’ Awissu 2006.

Ikkunsidrat:

**Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti w ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-akkuza kif moghtija fil-konfront tal-imputat FRANCIS TABONE tirrizulta ppruvata u tikkundannah ghal amenda ta’ ghoxrin [20] lira maltin.**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lil imputat jnehhi l-inkonvenjent fi zmien jumejn [2] u fin-nuqqas jehel penali ta’ hames liri ghal kull jum sussegwenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------